**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 15 ta' Dicembru 2015**

**Rikors Numru 115/2014**

**Joseph Fenech**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Joseph Fenech** ipprezentat fis-26 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent applika ghall-licenzja ta' Gwardjan Privat, liema applikazzjoni ma gietx milqugha a tenur ta' ittra datata 24 ta' Novembru 2014 mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, iffirmata mill-Ispettur Anzjan Ramon Mercieca (Ref: PG/845/2014) ghar-ragunijiet hemm kontenuti; (vide anness kopja);*

*Illi r-rikorrenti jemmen li non cio' dak indikat fl-imsemmija ittra surreferita precizament fl-artikli 10 (a) (i), 10 (a) (iv) u 10 (b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta, l-applikazzjoni tieghu ghandha tigi milqugha stante l-fatt li tramite l-procedura 'ad hoc' minnu ntavolata quddiem l-Qorti Kriminali fl-ismijiet Pulizija versus Joseph Fenech, jirrizulta bl-aktar mod car illi tramite digriet datat 9 ta' Lulju 2014, l-imsemmija Qorti ddecidiet illi s-sentenza msemmija fl-ittra fuq citata tal-Kummissarju datata 24 ta' Novembru 2014, kellha titnehha minn fuq ic-certifikat tal-kondotta tar-rikorrenti, (l-annessi kopji relattivi ghall-attenzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal);*

*Illi nvista tas-suespost, ir-rikorrenti m'ghandux jigi rrifjutat milli jinghata licenzja ta' gwardjan Privat aktar u aktar meta s-sistema korrettiva taghna tippermetti, anzi*

*tikkonraggixxi lil min ikun ikkommetta xi reat, billi jinghata l-opportunita` li jerga' jibda hajtu mil-gdid fi hdan is-socjeta`;*

*Illi r-rikorrenti jixtieq li jsib xoghol bhala gwardjan privat halli jibda hajja gdida u r-rifjut da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija qieghed jimpedixxih milli appuntu jilhaq l-ghan tieghu;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost u tad-dokumenti hawn annessi, r-rikorrenti jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkonsidra dan l-appell, halli tinhariglu l-licenzja ta' Gwardjan Privat li ghaliha huwa applika, bl-ispejjez kontra l-amministrazzjoni Pubblika koncernata fl-appell odjern."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 26 ta' Jannar 2015 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *ILLI l-esponent Kummissarju tal-Pulizija, jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex għal kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jagħtix il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent, kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors;*

2. *ILLi l-esponent ibbaza d-decizjoni tieghu fuq ragunijiet validi skond il-ligi u gie mahrug rifjut fil-konfront tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 10(a)(i) u 10(a)(iv) tal-Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali [Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta] u cioe minhabba sentenza data 25 ta' Gunju 1999 peress illi r-rikorrenti instab hati inter alia talli arresta, zamm jew issekwestra lil minuri kontra il-volonta' taghha, heddidha bil-mewt u bi vjolenza ikkommetta stupru fuqha meta din ma kienitx ghalqet l-eta' ta' disgha (9) snin u offendiha fuq il-persuna u b'ghemil zieni b'theddid u bil-vjolenza kkorrompa lil minuri meta hija ma kienitx ghalqet l-eta ta' tnax (12) il-sena;*

3. *ILLI ir-rifjut sar ukoll ai termini tal-Artikolu 10(b) ta' Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad illi l-esponent ser igib ukoll provi fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors, li ser juru ezattament ghaliex inhass illi mhux fl-interess pubbliku li tinhareg licenzja lir-rikorrent;*

4. *ILLI dan ma jfissirx illi ghax ma jistax jinghata licenzja ta' gwardjan privat ir-rikorrent huwa prekluz li jaghmel kull tip ta' xoghol, izda ifisser biss illi ma jistax jaghmel xoghol ta' gwardjan privat propju minhabba li anke l-ligi stess ma tippermettix li persuna li kkommettiet certu reati tahdem dan it-tip ta' xoghol. Jekk hemm xoghol illi r-rikorrent huwa kwalifikat ghalih u kapaci jaghmlu, hadd ma qieghed izomm lir-rikorrent milli jaghmel tali xoghol u ghalhekk s-sitwazzjoni tieghu ma tistax titqies li hi tort tal-esponenti. Ghalhekk l-esponenti qieghed jichad dawn l-allegazzjonijiet fiergha fl-intier taghhom;*

5. *ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal provi li ser jingiebu fil-mori tar-rikors u l-eventwali trattazzjoni, jinghad illi Artikolu 10(a)(i) u Artikolu 10(a)(iv) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtix setgha diskrezzjonarja lill-*

*Kummissarju tal-Pulizija, izda jimponi obbligu fuq il-Kummissarju li jirrifjuta hrug jew it-tigdid ta' licenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taht is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta' l-istess Kap.389.*

6. *Illi di piu jintqal illi r-rikorrent hu konxju sew tal-fatt illi huwa instb hati inter alia talli issekwestra lil minuri kontra il-volonta' taghha, heddidha bil-mewt u bi vjolenza ikkommetta stupru fuqha u minhabba f'hekk ma tistax tinhariglu l-licenzja. Jinghad illi dan johrog car mil-ligi u jekk ir-rikorrent jidhirlu li dina qed ittelliflu xi opportunita' li jsib xoghol, kif gie ndikat minnu fl-aggravji li ressaq, dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti sabiex jiddeciedi fuq ksur tad-Drittijiet Funamentali tal-Bniedem u ghalhekk dan l-aggravju m'ghandux jigi kkunsidrat minn dan l-Onorabbli Tribunal;*

7. *ILLI fejn ir-rikorrent ecepixxa illi s-sentenza msemmija fl-ittra tal-Kummissarju tal-Pulizija kellha titnehha minn fuq ic-certifikat tal-kondotta tar-rikorrenti u ghalhekk l-esponent ma setghax jaghmel referenza ghaliha u minflokk kellu johrog il-licenzja ta' Gwardjan Privat, l-esponent jixtieq jikkjarifika ftit punti. Hawnhekk qed jigu imhallta zewg termini/affarijiet li ghalkemm huma relatati m'ghandhomx l-istess regoli u eccezzjonijiet u dawn huma;* ***<u>il-kondotta ta' individwu</u>*** *u* ***<u>l-fedina penali li tikkonsisti fir-registru tal-kundanni kriminali</u>****. Wiehed m'ghandux ihallat dawn iz-zewg affarijiet bhallikieku huma l-istess haga;*

8. *ILLI fil-kawza intavolata quddiem il-Qorti Kriminali fl-ismijiet Pulizija versus Joseph Fenech, b'digriet datat 9 ta' Lulju 2014, l-imsemmija Qorti iddecidiet illi s-sentenza, li kellu fil-konfront tieghu Joseph Fenech, kellha titnehha minn fuq <u>c-certifikat tal-kondotta</u> tar-rikorrenti;*

9. *ILLI l-esponent mhuwiex qed jikkontesta din is-sentenza xejn affattu u li jixtieq jaghmel huwa biss li jikkjarifika s-segwenti: illi dan ic-certifikat tal-kondotta huwa certifikat li, min ihaddem, jista jistaqsi lil impjegat biex jipprezentah qabel ma jaghzel li jhaddmu mieghu. Illi minn naha l-ohra l-fedina penali ta' individwu jelenka kwalunkwe reat kommess minn individwu, sew jekk delitt sew jekk kontravenzjoni u dan jibqa' jidher fuq tali certifikat bla ebda eccezzjoni.*

10. *ILLI f'sitwazzjonijiet fejn ir-rikorrenti japplika ghal xoghol permezz tal-ETC jew permezz ta' applikazzjonijiet li jintbaghtu direttament lil min ihaddem dawn jistghu jistaqsugh ghal-kondotta biss u mhux ghal-kopja tal-fedina penali ukoll. Ghalhekk dak li hemm imnizzel fil-fedina penali m'ghandux jimmilita kontra jew ikun ta' xkiel ghar-rikorrent f'dawn is-sitwazzjonijiet.*

11. *ILLI fl-applikazzjonijiet tal-licenzji ta' Gwardjan Privat, il-Kummissarju <u>mhux qed jagixxi ta' employer</u> li jiddeciedi jekk applikant ghandu jigi impjegat biex jahdem mieghu jew le. Dak huwa ix-xoghol ta' l-agenzija li thaddem lil Gwardjan Privat la darba ikollu l-licenzja.*

12. *ILLI meta jinhargu dawn il-licenzji, l-Kummissarju ikun qed jagixxi bhala awtorita li hija amministrata bil-ligi biex tohroghom u f'dan ix-xoghol ghandu jimxi skond dak li tiddettalu l-ligi stess. Fejn jezercita d-diskrezzjoni tieghu d-decizjoni tal-Kummissarju tista tigi appellata quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.*

13. *ILLI l-Kummissarju tal-Pulizija ma jista qatt ikun l-ekwivalenti ta' employer f'dawn is-sitwazzjonijiet ghax hu* *<u>mhux qed ihaddem dawn l-applikanti mieghu stess izda</u>* ***<u>qed johorgilhom il-licenzja biss</u>*** *sabiex huma stess ikunu jistghu japplikaw biex jahdmu ma' Agenzija fil-futur.*

14. *ILLI l-Kummissarju wara li joħrog il-liċenzja, ma għandu l-ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet se jsib ruħu u ghalhekk il-Kummissarju irid jiddeciedi jekk persuna ghandiex karattru sod u affidabbli bizzejjed biex jahdem ta' Gwardjan Privat. Sabiex jasal ghal dawn il-konkluzjonijiet, wahda mill-affarijiet li jaghmel il-Kummissarju biex jivverifika din il-haga hija li jhares lejn il-fedina penali sabiex jara li l-persuna li se tingħata tali liċenzja tkun affidabbli, responsabbli u kapaċi taħdem f'dan ix-xogħol. Il-Kummissarju ma jistax ihares lejn il-kondotta biss f'dawn is-sitwazzjonijiet ghas-semplici raguni li hija l-fedina penali biss li taghti registru shih tal-kundanni kriminali u mhux il-kondotta.*

15. *ILLI fil-kaz tar-rikorrent il-Kummissarju ra li l-applikkant kellu sentenza fil-konfront tieghu li kienet taqa propju taht l-Artikolu 10(a)(i) u 10(a)(vi) tal-Kap 389. u kellu d-dmir li jirrifjuta tali licenzja fuq dak il-bazi. Ra ukoll li minhabba f'dik is-sentenza kienet ukoll fl-interess pubbliku li tali licenzja tigi rifjutata.*

16. *ILLi ghalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu gustament li kellu jirrifjuta l-hrug ta' licenzja ta' gwardjan privat ai termini tal-Artikolu 10(a)(i), 10(a)(iv) u dehrlu illi lanqas ma kien fl-interess pubbliku illi tinhareg il-licenzja ta' gwardjan privat ai termini tal-Artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistghu jingiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qieghed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent. "*

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Ramon Mercieca[1] u tar-rikorrent;[2]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 24 ta' Novembru 2014 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

[1] A fol. 38 sa 44
[2] A fol. 48 sa 50

*“B`riferenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenza ta’ Gwardjan Privat, ghandi ninfurmak illi t-talba ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha skond l-artikoli 10 (a) (i), 10 (a) (vi) u 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta` Malta, minhabba li kont gejt misjub hati ta’ sentenza fil-konfront tieghek.*

*Ninfurmak ukoll illi jekk inti jidhirlek li ghandha tinhareg licenzja f`ismek, inti tista` tappella minn din id-decizjoni, billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz, tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta` Malta.”*

**Ir-rikorrent** xehed li huwa serva sitt snin il-habs u li wara li serva l-istess sentenza qatt ma rega’ kellu problemi mal-gustizzja. Mistoqsi x’hajjru japplika ghall-licenzja ta’ Gwardjan Privat huwa wiegeb li kienet id-dixxiplina. Ir-rikorrent elenka wkoll numru ta’ problemi familjari li hu ltaqa’ maghhom f’hajtu.

**L-Ispettur Ramon Mercieca** spjega illi huwa l-ufficjal responsabbli biex jiskrutinja l-applikazzjonijiet tal-licenzji ghal gwardjani privati. Jispjega illi l-Ligi li tirregola l-hrug ta’ licenzji ta’ gwardjali privati taghmilha tassattiva li min jinstab hati ta’ reat kontra l-buon ordni tal-familja ma tinhariglux licenzja ta’ gwardjan privat. Jghid li ghalkemm ir-reati mwettqa mir-rikorrenti gew imhassra minn fuq il-kondotta, dawn xorta jibqghu jidhru fuq il-fedina penali. Jghid li kieku f’dan il-kaz ir-rikorrent inghata l-licenzja huwa, bhala ufficjal rapprezentanti l-Kummissarju tal-Pulizija, kien ikun qed jikser il-ligi.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta illi r-rikorrent kien instab hati permezz ta’ sentenza datata 21 ta’ Jannar 1999 mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali dwar reati kontra l-buon ordni tal-familja u nghata piena ta’ ghaxar snin prigunerija, liema sentenza giet konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fil-25 ta’ Gunju 1999. Illi fost l-akkuzi addebitati lir-rikorrent kien hemm dik ta’ stupru fuq minuri li kienet ghadha ma ghalqitx id-disa’ (9) snin.

Illi wara li skonta l-piena karcerarja, ir-rikorrent ipprezenta rikors quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fejn talab li s-sentenza ta’ prigunerija fuq imsemmija tigi mnehhija mic-certifikat tal-kondotta tieghu. Illi permezz ta’ digriet datat 9 ta’ Lulju 2014 l-istess Qorti laqghat it-talba tieghu.

Illi ghalhekk ir-rikorrent qieghed jargumenta illi ladarba c-certifikat tal-kondotta tieghu illum huwa wiehed nadif, allura l-Kummissarju intimat ma

kellux jirrifjuta l-ghoti ta' licenzja ta' gwardjan privat, aktar u aktar meta s-sistema korrettiva nostrana tinkoraggixxi r-rijabilitazzjoni.

Illi min-naha l-ohra l-Kummissarju intimat jirribadixxi illi c-certifikat tal-kondotta huwa nettament distint mill-fedina penali ta' individwu, fejn f'din tal-ahhar jigu mnizzla r-reati kollha li persuna twettaq fil-kors ta' hajjitha. Jghid ukoll illi f'dan il-kaz ma kellu l-ebda diskrezzjoni ghaliex il-Ligi nnifisha tobbligah li jirrifjuta tali licenzja.

Illi mill-ittra tar-rifjut jirrizulta illi l-applikazzjoni tar-rikorrent giet rifjutata abbazi ta' tlett ragunijiet u cioe`:-

*Il-Kummissarju **ghandu jirrifjuta**[3] applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant -*
*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta'* ***xi delitt gravi ieħor****;*
…

*(vi)* ***tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi reat li jaffetwa l-bon ordni tal-familji;***

*(b)* ***meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza****;*

Illi minn harsa lejn id-delitti mwettqa mir-rikorrenti[4] jirrizulta illi dawn principalment jaffettwaw il-bon ordni tal-familji.

Issa kif gie enfasizzat iktar 'il fuq, artikolu 10 (a) tal-Kapitolu 389 ma jhalli l-ebda tip ta' diskrezzjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija meta jigi biex jiddeciedi jekk applikazzjoni ghal licenzja gdida ta' gwardjan privat jew tigdid tal-istess licenzja tintlaqghax jew le. Skond l-artikolu citat, il-Kummissarju tal-Pulizija **ghandu d-dmir** li jirrifjuta tali applikazzjoni.[5] Lanqas ma hemm xi perjodu ta' rijabilitazzjoni fejn jidhlu delitti li jaffettwaw il-bon ordni bhal ma wiehed isib fil-kaz ta' delitti kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta.[6]

[3] Enfasi tat-Tribunal
[4] Ara il-fedina penali a fol. 45 u 46
[5] L-uniku diskrezzjoni li ghandu l-Kummissarju intimat hu meta si tratta ta' klassifikar ta' "reat gravi iehor" li ma jaqghax fost dawk elenkati fl-istess artikolu 10 (a) (i)
[6] Ara Artikolu 10 (a) (v) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi ghalhekk, ghalkemm dan it-Tribunal japprezza li persuna tista' tkun irriabilitat ruhha u zammet 'il boghod mill-kriminalita` u minn dawn il-Qrati, huwa ghal kollox inutili li wiehed jishaq li l-Kummissarju seta' jezercita d-diskrezzjoni tieghu mod iehor, ghax fil-verita` tali diskrezzjoni, fejn si tratta ta' rifjuta abbazi tal-imsemmija reati, ma tezistix.

Illi sakemm il-ligi tibqa' kif inhi, dan it-Tribunal ma jistghax imur kontra l-vot tal-istess ligi anke jekk jifhem u japprezza l-argumenti mressqa mill-abbli difensur tar-rikorrent illi r-rikorrent illum huwa persuna riabilitata. Dan it-Tribunal japprezza li jekk ir-rikorrenti ikollu impjieg ta' gwardjan privat dan jagevolah finanzjarjament. Pero`, kif gia inghad, dan it-Tribunal ma jista' jiehu xejn minn dan kollu in konsiderazzjoni biex jannulla d-decizjoni tal-Kummissarju intimat fejn jidhol ir-rifjut abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) u (iv).

Illi sorvolata l-kwistjoni dwar l-ewwel parti tar-rifjut, it-Tribunal se jezamina issa r-rifjut tal-Kummissarju intimat abbazi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389. Illi r-rikorrent jishaq illi l-Kummissarju intimat ma kienx korrett meta irrifjuta l-applikazzjoni tieghu abbazi li ma kienx fl-interess pubbliku li tinhariglu tali licenzja. L-Ispettur Ramon Mercieca mistoqsi jekk kienx baghat ghar-rikorrent qabel inhareg ir-rifjut wiegeb li le u spjega li hu ma hassx dan il-bzonn u dan in vista tar-reati mwettqa mill-istess rikorrent. Jghid li anke kieku r-rikorrent kien irriabilita ruhu mija fil-mija huwa xorta kien marbut bil-ligi biex johrog ir-rifjut.

Illi issa, fil-kaz odjern, jirrizulta illi r-reati mwettqa mir-rikorrent gew hekk imwettqa fl-1995 u ghalhekk sa meta inhareg ir-rifjut kienu ghaddew cirka dsatax (19)-il sena. Illi t-Tribunal jikkoncedi l-argument illi persuna li tkun zbaljat ma tistghax tibqa' tigi ikkunsidrata bhala persuna ta' karattru mhux affidabbli *in eternum* meta c-cirkostanzi juru li dan qatt ma rega' xellef difru mal-gustizzja. Dan qieghed jinghad anke *in linea* mal-kuncett ta' rijabilitazzjoni li qieghed jigi tant promoss fiz-zminijiet tal-lum. Pero`, naturalment, dan kollu qieghed jinghad b'rispett lejn artikolu 10 (a) tal-Kapitolu 389 fejn hemmhekk wiehed, anke jekk ikun qabad u kompla fit-triq it-tajba, huwa prekluz milli jottjeni licenzja ta' gwardjan privat hlief il-kaz ta' artikolu 10 (a) (v).[7] Illi madankollu, f'dan il-kaz partikolari, ir-reati mwettqa mir-rikorrent kienu tant gravi li difficilment wiehed jista' jkollu s-serhan tal-mohh li huwa bniedem li tista' tafdah bid-doveri li jistghu iwettqu gwardjani privati. Illi r-rikorrent ma kkonfortax lil dan it-Tribunal bi provi dwar kif u min ghenu biex jirriabilita ruhu. Illi ghal dan it-Tribunal, fejn si tratta ta' reati daqshekk gravi, anke jekk ikun ghadda

---

[7]Meta persuna tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà l-applikazzjoni tista ssir wara ħames snin minn meta jkun sar id-delitt.

ammont konsiderevoli ta' zmien minn meta twettaq ir-reat, mhuwiex bizzejjed li persuna taghti certifikat lilha nnifisha li rriabilitat ruhha.

Illi fic-cirkostanzi, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi l-Kummissarju intimat kien gust fir-rifjut tieghu tal-applikazzjoni tar-rikorrent taht l-artikolu 10 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, certament, id-decizjoni tal-Kummissarju intimat hija wahda valida ghall-effetti kollha tal-ligi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat, jichad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-decizjoni tal-istess Kummissarju datata 24 ta' Novembru 2014.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**